## 12 ta' Marzu, 1946.

### Imħallef :

L-Onor. Dr.T. Gouder, LL.D.

**Carmelo Abdilla** *versus* **Emmanuele Camilleri et.**

**Delitt — Danni — Solidarjetà — Kjamata fil-Kawża — Art. [illegible] u [illegible] tal-Kodiċi Ċivili.**

*Skond il-liġi tagħna, meta ħsara tiġi magħmula doložament minn tnein min-nies jew iżjed, l-obligazzjoni tagħhom għar-riżarċiment tal-ħsara hija solidali. Meta wkoll ikunu mxew doložament u l-oħrajn le, dawk ta' l-ewwel huma obligati "in solidum", u kull wieħed mill-oħrajn huwa obligat biss għal dik il-biċċa ħsara li huwa nnifsu jkun ikkaġuna; imma jekk dik il-biċċa ħsara ma tistax tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha mingħand kull min irid just dawk li jkunu ħadu sehem fiha, ukoll jekk ikkoll jew xi ħadd minnhom ma jkunx mexa doložament, mingħajr preġudizzju però tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn.*

*F'dan l-aħħar każ il-konvenut jista' jitlob il-kjamata fil-kawża ta' dawk kollha li kkaġunaw il-ħsara, biex il-Qorti tkun tista' tqassam fuq kull wieħed minnhom is-somma meħtieġa għall-ħlas tal-ħsara f'ishma ndaqs jew le skond iċ-ċirkustanzi; dejjem bla preġudizzju ta' min bata l-ħsara għas-solidarjetà kontra kull min irid minnhom.*

*Għall-kuntrarju, meta dawk li għamlu l-ħsara mxew kollha doložament, dak li jiġi mħarrek waħdu ma għandux dritt jitlob il-kjamata fil-kawża ta' l-oħrajn.*

*L-obligat "in solidum" jibqagħlu dejjem id-dritt ta' regress, meta jkun irriżarċixxa l-ħsara kollha huwa, kontra l-oħrajn obligati "in solidum" miegħu, anki fil-każ ta' delitt, għar-rimbors "pro rata".*

*Imma meta dawn ikunu kollha konvenuti, jekk ikun il-każ li l-ħlas tal-ħsara jitqassam f'ishma ndaqs, ma hemmx raġuni għaliex ir-ripartizzjoni fir-rapporti interni ta' bejniethom ma ssirx fl-istess ġudizzju.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni fejn l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuti, abużivament, daħlu għal skop ta' serq fil-kamra tal-proprjetà tiegħu fl-għalqa fil-kuntrada "Ta' Kandja", limiti l-Imqabba; u illi, b'imprudenza u negligenza tagħhom, waqt li kienu qegħdin jagħmlu s-serq għamlu inċendju fl-istess kamra u kkaġunaw id-danni deskritti fin-nota miġjuba ma' l-istess att taċ-ċitazzjoni; talab illi l-istess

konvenuti jigu dikjarati responsabili "in solidum" għall-imsemmija danni, konsistenti sija fil-ħsara fil-kamra u sija fil-ħruq ta' dak kollu deskritt fl-annessa nota, u jigu wkoll kundannati li jħallsu "in solidum" lilu dawk id-danni, ammontanti għal £109 jew f'kull somma oħra verjuri; bl-imgħax mill-ġurnata tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali tat-18 ta' April 1945 sal-pagament, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-imsemmija ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-perit, in bażi għall-provi li saru, ikkonkluda li l-konvenut Camilleri qatt ma kkontesta r-responsabilità tiegħu għar-riżarċiment tad-danni fuq indikati, imma llimita dina r-responsabilità għan-nofs dawk id-danni, billi eċċepixxa li bejnu u l-attur saret transazzjoni rigward ir-responsabilità tiegħu u l-ammont li huwa, ma mingħajr ebda solidarjetà ma' ħadd ieħor, obliga ruħu li jħallas, kemm ukoll rigward iż-żmien meta għandu jħallas dak l-ammont, li huwa ta' £40;

Illi l-perit wasal għall-konklużjoni illi tassew kien sar ftehim bejn l-attur u l-konvenut Camilleri fis-sens li dana kellu jagħti, meta jrid, £40 lill-attur u ma jkollux x'jaqsam aktar miegħu; però issottometta illi f'dan il-ftehim għandha tiġi ravviżata transazzjoni, u billi dina t-transazzjoni saret mingħajr il-formalità essenzjali ta' l-iskrittura meħtieġa skond l-art. 1277 tal-Kodiċi Civili (Kap. 23 Ediz. Riv.), l-istess transazzjoni hija nulla u ta' ebda effett;

Illi dina l-Qorti taqbel mal-perit, u kwindi tirritjeni illi l-obligazzjoni tal-konvenut Camilleri hija "in solidum";

Tikkunsidra;

Illi dina l-Qorti taqbel ukoll mal-perit illi għandu jiġi ritenut li l-konvenut Tonna ċertament ħa parti fit-tentativ tasserq indikat fl-att taċ-ċitazzjoni, u kwindi li huwa responsabili "in solidum" mal-konvenut Camilleri għar-riżarċiment tad-danni li sofra l-attur. Dana l-għemil doluż tal-konvenut Tonna, kif sewwa raġuna u kkonkluda l-perit, jemerġi biżżejjed ċar mill-kumpless tal-provi;

Tikkunsidra;

Illi d-danni ġraw billi, meta l-konvenuti fetħu l-bieb tal-kamra ndikata fl-att taċ-ċitazzjoni għall-iskop fuq imsemmi,

huma xeghlu suffarina ghaibiex jixgheilu xama' billi kien id-dam, u giet provokata esplożżjoni ghaliex kien hemm merfuħ xi petrol, u b'dik l-esplożżjoni saret ħsara lill-kamra u lil-kontenut taghha;

Illi mill-perizja rriżulta li l-ħsara lill-kamra kienet tali li kellha terġa' tinbena mill-ġdid........ b'nefqa ta' £20.........
Id-danni fil-kontenut tal-kamra aċċertati mill-perizja huma: valur ta' sitt tyres ġodda......... Ghalhekk is-somma komplessiva tad-danni tilħaq £101. 1. 0.........;

Tikkunsidra fuq il-kwistjoni sollevata mill-konvenut Tonna tat-tqassim fuq kull wieħed mill-konvenuti, ghar-rapporti interni ta' bejniethom, tas-somma fuq indikata ghal ħlas tal-ħsara;

Illi skond il-liġi taghna, li mhix preċiżament bħal-liġi Taljana, il-ghaliex skond dik il-liġi ghad-danni derivanti minn kolpa akwiljana kulħadd jirrispondi "in solidum", meta l-ħsara tiġi maghmula dolożament minn tnejn min-nies jew iżjed, l-obligazzjoni taghhom hija "in solidum"; meta wħud ikunu mxew dolożament u oħrajn le, dawk ta' l-ewwel huma kollha obligati "in solidum", u kull wieħed mill-oħrajn huwa obligat biss ghal dik il-biċċa ħsara li huwa nnifsu jkun ikkaġuna; imma jekk il-biċċa tal-ħsara li kull wieħed ikun ikkaġuna ma tkunx tista' tiġi stabbilita, min ikun bata l-ħsara jista' jitlob il-ħlas tal-ħsara kollha minn ghand kull min irid minn dawk li jkunu ħadu sehem fiha. ukoll jekk ilkoll jew xi ħadd minnhom ma jkunux imxew dolożament, bla preġudizzju tal-jedd tal-konvenut li jdur kontra l-ieħor jew l-oħrajn.. U huwa preċiżament f'dan il-każ li l-konvenut ikun jista' jitlob li dawk kollha li jkunu kkaġunaw il-ħsara jiġu maqjħa fil-kawża, u l-Qorti tkun tista' tqassam fuq kull wieħed minnhom is-somma meħtieġa ghall-ħlas tal-ħsara, f'ishma ndaqs jew le skond iċ-ċirkustanzi, dejjem bla preġudizzju tal-jedd ta' dak li jbati l-ħsara illi jitlob il-ħlas tas-somma kollha minn ghand kull min irid minnhom, li ghandhom jiġu kundannati lejh "in solidum" (art. 1092 u 1093 Kod. Ċiv., Kap. 23. Ediz. Riv.);

Illi l-każ preżenti mhux dak ta' meta xi wħud ikunu mxew dolożament u oħrajn le, u meta ma tistax tiġi stabbilita l-biċċa tal-ħsara kaġunata minn kull wieħed minn dawn ta'

l-ahhar; il-ghaliex fil-każ preżenti ż-żewġ konvenuti mxew dolożament; f'liema każ il-liġi tghid li l-obligazzjoni taghhom hija "in solidum" (art. 1092 Kod. Ċivil); u kwindi, kieku ma ġewx konvenuti t-tnejn, imma wiehed biss minnhom, dana ma kienx ikollu d-dritt jitlob li jiġi msejjah fil-kawża l-iehor ghall-oġġett fuq indikat, il-ghaliex kien ikun integru l-ġudizzju;

Illi però, l-obligat "in solidum" illi jkun irriżarċixxa d-dannu kollu ghandu l-azzjoni ta' regress kontra l-obligati l-ohrajn "in solidum", anki f'każ ta' delitt (Fadda, 146, 157, 158), ghar-rimbors pro rata jew ghall-parti li fiha kull wiehed minnhom ikkonkorra; u meta dawn kollha jiġu konvenuti, jekk ikun il-każ li l-hlas tal-hsara ma jitqassamx f'ishma ndaqs, ma hemmx raġuni l-ghaliex ir-ripartizzjoni ghar-rapporti nterni ta' bejniethom ma ssirx fl-istess ġudizzju kif talab il-konvenut Tonna;

Illi f'dan il-każ, iżda, trattasi ta' dannu kaġunat minn doluża infrazzjoni kriminali, fejn mhux possibili li tiġi determinata l-parti ta' kull wiehed mill-persuni li jikkonkorru sija fil-perpetrazzjoni tal-fatt, sija fil-konsegwenza dannuża (App. Civ., 10 Maggio, 1920, "Pisani vs. Vella", Vol. XXIV—I—528);

Ghar-raġunijiet fuq indikati;

Tiddeċidi billi tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabili "in solidum" ghad-danni fuq indikati, ammontanti ghal £101. 1. 0, u tikkundanna lill-istess konvenuti jhallsu "in solidum" lill-attur l-imsemmija somma ta' £101. 1. 0; bl-imghax legali mil-lum u bl-ispejjeż.